# IL-KLIEM ŻEJJED GHAL HADD M'HU TAJJEB

Katarin, xbejba ta' xi għoxrin sena, kienet tgħammar mannanna tagħha, li kien metilha r-raġel u ma kellhiex tfal. Ma għandniex xi ngħidu x-xiħa kienet tħobb it-tifla daqs dawl għajnejha u qatt ma tgħid le għal kull ma titlobha. Darba waħda fi dħul ix-xitwa Katarin qalet lil nannitha: "Nann, taf li dieħla x-xitwa u li l-*coat* tas-sena l-oħra tqattagħli; għax ma mmorrux il-belt dil-ġimgħa, kif ma għandna x'nagħmlu xejn, biex nixtru wieħed? Il-festa tagħna dalwaqt tasal ukoll, u jien miniex ser noħroġ b'dik il-libsa f'dak il-bard kollu." In-nanna b'demgħa fuq għajnejha, weġbitha bil-ħlewwa: "Iva, iva, ruħi; mela lè? Għada stess immorru; hemm dak Toninu ta' Strada Mercanti; ngħaddu għandu w ninqdew sewwa ħafna. Miskin, s-issa minn kemm ilna nixtru minn għandu qatt ma daħak bina! U mhux dan biss. Imma meta nidħlu fil-ħanut tiegħu dejjem joħdilna b'idejna u joqgħod xi nofs siegħa jitkellem magħna; imbagħad lilek, Katarin, iħobbok wisq: kien jatik kollox b'xejn kieku dawk iż-żewġ ħutu ma kienux b'seba' għajnejn fuq il-ħanut."

In-nanna kienet ta' kelmtha; u l-għada f'xit-tmienja ta' filgħodu telqet mat-tifla ta' bintha lejn il-belt. Mawra bħal din kienet tkun festa kbira għal dawn iż-żewġ nisa: ix-xiħa ddendel ma sidirha kemm deheb kellha, u ż-żgħira toħroġ kemm tista' pizzi minn taħt il-kappell, li l-moda tiegħu dejjem tkun ila li għaddiet sena.

Kif waslu l-belt, l-ewwel ma marru il-ħanut ta' Toninu, li xħin rahom deħlin il-bieb sellmilhom bid-daħka: "Bonġornu fil-għodu Katarin u kumpanija! Hawn x'ġiebkom il-lum? jaqaw Kat trid taqta xi *coat* għal festa?"

"Qtajtha Toninu, wieġbet it-tifla. Irrid biċċa drapp aħdar, bħal dak li għandek fl-armatura hemm barra."

"Iż-żift, Katarin, kemm taf tagħżel! Dak ħadu minnu l-aqwa sinjuri tal-belt."

"Allura? dak għoġobni; u ara, Toninu, bħas-soltu; prezz baxx ħalli naqtgħu fil-qasir."

"Il-lum, Katarin, ser nitolbok, l-iktar prezz baxx li tista' taħseb. Taf kemm? Bewsa x-xiber,"

Toninu qal hekk biex jiċċajta, billi kien jaf li ma dawn it-tnejn dejjem kien jikkorda. Katarin mill-banda l-oħra, ta' xebba għaqlija li kienet, riedet tagħmel waħda minn tagħha; u staqsiet:

"Tassew Ton? Biex jekk inhu hekk nieħu tletin xiber."

"Hiii... da' sgur li tassew, mela aħna hawnhekk qegħdin nilagħbu? Arani ser naqtagħlek." U Toninu kif qal hekk

ġieb il-pezza u qatagħlha tletin xiber. Katarin ħadet id-drapp f'idejha,u bid-daħka fuq xuftejha daret lejn nannitha u qaltilha:

"Ħallas, nann; u flok tletin bewsa tih mija jekk irid. Tħallihx igerger għal erba' bewsiet."

In-nanna, bejn trid tidħak u bejn lè, sejħet lil Katarin li kienet tielqa l-barra w qalet lil Toninu :

"Uh, eħlisna Ton, f'ġieħ kemm hemm. Isa, kemm hu l-qasba ?"

"Ara, inħallihulkom daqs kemm ħadtuh is-sena l-oħra" wieġeb Toninu bla ċajt xejn. Iżda dan lil Katarin ma għoġobhiex u qabżet qaltlu :

"Le, Ton; aħna tad-drapp ma natuk xejn ħlief dak li ftehemna miegħek. Jekk trid ħu, u jekk ma tridx oqgħod; hemm ara tista' issaqsi lil ħutek."

Għal dawn il-kelmiet ta' Katarin ma setagħx iwieġeb b'ħaġ'oħra ħlief billi jħares lejn ħutu ; li qamu minn fejn kienu u qalulu: "Lil Katarin ħalliha tmur,għax il-ħtija kollha tiegħek; fin-negozju m'hemmx ċajt. U dawn il-flus li tlift il-lum minn fuq għadmek inġibuhom: għax għal xahrejn sħaħ l-anqas ħabba ma tara b'għajnejk."

Katarin dan li kienet tistenna, u wara li sellmitilhom, ġibdet lil nannitha u telqet il-barra. U l-imsejken Toninu kellu jbati ċ-ċajta. Sewwa jgħidu li l-kliem żejjed għal ħadd m'hu tajjeb.

Gejtu Cassar.